MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru 16/2006

**Att. T'Akkuza Nru. 16/2006**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Alex Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 16 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Alex Mallia, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap talli fid-disa (9) ta' Marzu, elfejn u hamsa (2005) il-Pulizija waqqfu il-vettura Hyundai Stellar DAA-074 fl-inhawi tal-Handaq limiti Qormi ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija (5 pm) misjuqa min Alex Mallia. Illi Alex Mallia minkejja li kien iccirkundat mil-Pulizija pprova isuq min fuq il-post u jahrab b'sewqan perikoluz, negligenti u traskurat tant li bil-vettura tieghu laqghat u ghamel hsara fuq il-vettura tal-Korp tal-Pulizija GVP460 fl-ammont ta' LM75. Illi fil-

pussess illegali tieghu il-Pulizija sabu ammomt kbir ta' raza tal-cannabis, u cioe hdax il-blokka tal-piz komplessiv ta' 2439.3 grammi, liema kwantita' ferm kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lill-haddiehor f'Malta bi skop ta' qliegh. Illi il-valur ta' din d-droga kien jaqbez it-LM8000. Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-pussess tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima lll tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom taplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-

licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 8(a)(b), 10(l), 12, 14(l)(5), 20, 22(l)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap talli fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia pprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uza vjolenza w irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku w addirittura ikkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli attakka jew

ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 95 u 96(a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tighata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap talli fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia ipprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uzu vjolenza u irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku u addirittura ikkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati ta' hsara volontarja fi proprjeta' pubblika u cioe' talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll lil-hsara saret fi proprjeta pubblika.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati ta' hsara volontarja fi proprjeta pubblika u cioe' talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lita imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll li l-hsara saret fi proprjeta pubblika;

Talab illli jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall- piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 325(b) u tieni u tielet provisos tal-istess artikolu u

533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap talli fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta’ Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia ipprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uza vjolenza u irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku u addirittura ikkaguna hsara f’vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75. Illi s-sewqan tieghu kien perikoluz, traskurat u b’nuqqas ta’ kont u seta kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

Illi b’ghemilu Alex Mallia sar hati talli saq motor car b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli saq motor car b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghall-multa ta’ mhux izjed minn mitt lira jew prigunerija mhux izjed minn tlett xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta’ Malta jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi l-akkuzat bin-nota tieghu tad-29 t’ Awwissu, 2006 , eccepixxa illi :-

1. Fl-ewwel kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza ssir riferenza ghall certu Alex Mizzi li ma ghandu ebda rabta mall-akkuzat.

2. Illi x-xiehda ta’ Godwin Sammut li tinsab a folio 162 u a folio 181 tal-process kif ukoll ir-rapport minnu esebit a folio 183 huma inammissibbli skond il-ligi stante li l-ebda nomina ghall-finijiet tal-valutazzjoni ma nghatat kif ukoll stante li r-rapport tieghu huwa wiehed kompletament

imsejjes fuq informazzjoni lilu moghtija mill-Pulizija Ezekuttiva.

Rat ir-Rikors ta' l-Avukat Generali tal-4 ta' Settembru, 2006, li bih talab korrezzjoni biex l-isem "*Alex Mizzi*" jigi korrett u jimbidel f' *"Alex Mallia"* kull fejn jidher fl-ewwel paragrafu tal-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

Rat ir-risposta tal-akkuzat tat-12 ta' Settembru, 2006, ghall-istess rikors fejn intqal li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess rikors u dan essendo li dak li qed jintalab huwa intempestiv u prematur in vista li dan jimpingi b' mod dirett fuq il-mertu ta' eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzat. Ikun skorrett li l-mertu ta' tali eccezzjoni jigi dibattut qabel ma jigi appuntat jum ghas-smiegh tal-eccezzjonijiet preliminari kollha li ghandhom jigu decizi kif jipprovdi l-art. 438 (4) tal-Kap. 9 u, jekk dan ma jsirx, l-akkuzat ser ikun pregudikat fis-sens li kwalunkwe provvediment jew decizjoni li tista' tinghata dwar it-talba dedotta fir-rikors ma tkunx tinkwadra ruha fid-dispost tal-Artikolu 499 (1) u (2) tal-Kap.9 u per konsegwenza inappellabli fit-termini tal-istess artikolu. B' rizerva li jimmodifika l-oggezzjoni tieghu ghat-talba dedotta fl-istess rikors fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-ecczzjonijiet preliminari.

Rat id-Digriet taghha tat-12 ta' Settembru,2006,li bih irrizervat li tipprovdi dwar it-talba kontenuta fir-rikors tal-Avukat Generali wara li tisma' d-debita trattazzjoni fl-istadju opportun tal-kawza.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu, 2007 li bih l-akkuzat, fil-prezenza tad-difensur tieghu, iddikjara li mhux qed jopponi ghall-korrezzjoni mitluba.

Rat id-digriet taghha tal-istess data li bih din il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni w ordnat il-korrezzjoni ta' l-att ta' l-Akkuza billi kull fejn jirrikorri il-kunjom **"Mizzi"** fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l–Akkuza, dan jigi sostitwit bil-kunjom korrett **"Mallia**".

Rat il-verbal tal-istess data li bih l-akkuzat, fil-prezenza tal-Avukat tieghu, ezenta lill-Qorti mill-qari ta' l-att ta' l-akkuza kif issa korrett u ta ruhu b' notifikat bl-istess u rrinunzja ghal kull terminu lilu spettanti skond il-ligi w iddikjara li setghu jigu trattati l-eccezzjonijiet  preliminari f' dik l-udjenza.

Rat il-verbal li biha l-akkuzat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu u n-nota ta' cessjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal li bih il-Qorti ddikjarat li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess l-ewwel eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar it-tieni w l-unika eccezzjoni preliminari rimanenti;

Ikkonsidrat;

Illi l-akkuzat qed jissottometti li l-espert Godwin Sammut ma kellux nomina biex jirrelata fuq il-valur tad-droga *de quo* u, jekk stess kellu, dan ma jaqax fil-parametri tal-kapacitajiet u '*expertise*' tieghu. Hu gie nominat bhala analista (Fol. 24) mill-magistrat inkwirenti  w kien gie konfermat f' din il-hatra mill-Qorti Istruttorja (Fol. 19). Meta xehed dan l-espert, qal li kien ottjena l-informazzjoni mill-"Police Drug Squad" umbaghad hu ghamel kalkolu matematiku bazat fuq dik l-informazzjoni. L-abbli difensur tal-akkuzat ghamel riferenza ghall-diversi sentenzi li skondu javallaw it-tezi tieghu fir-rigward.

Ikkonsidrat;

Illi bhala fatt meta l-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-*in genere* appunta lista ta' esperti, kull ma qal fir-rigward ta' dan l-espert  kien :- **"Godwin Sammut : analista"** (fol. 2 tal-process verbal a fol. 24 tal-process). Il-Qorti Istruttorja kienet ikkonfermat il-hatra tal-esperti nominati fl-*in genere* (fol. 19 tal-prcess). Godwin Sammut kien xehed quddiem il-Qorti Istruttorja w esebixxa r-relazzjoni tieghu dwar il-kompozizzjoni, kwalita', piz  u purita' tad-droga. (fol. 56 et seq.) Gara mbaghad li fi stadju minnhom l-Avukat Generali ghamel nota ta' rinviju fejn talab li "l-ufficjal

prosekutur jghid x' valur ghandha d-droga involuta fil-kaz." (fol. 155). Din it-talba giet ripetuta f' noti ta' rinviju sussegwenti (fols. 158 u 159). Meta Godwin Sammut gie biex jixhed fl-udjenza tal-20 t' Ottubru, 2005, biex jivvaluta d-droga in kwistjoni, Dr. Giannella Caruana Curran kienet oggezzjonat ghax-xhieda ta' Godwin Sammut ghal diversi ragunijiet fosthom dik li l-kontributuri ghar-rapport qatt ma kienu gew nominati bhala esperti u qatt ma hadu l-gurament ghal dak li ghamlu. Cio' nonostante, hu xehed fid-dettall dwar il-valur (fols. 162 u 163). Ghal xi raguni mbaghad regghet giet ripetuta t-talba tal-Avukat Generali biex il-prosekutur jghid x' valur ghandha d-droga involuta fil-kaz, fir-rinviji a fols. 172, 176 u 179. Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2006 ( a fol. 181 u 182) minnkejja l-oggezzjoni tad-difiza fuq riferita, rega' xehed l-istess Godwin Sammut u rrepeta fis-sustanza dak li kien xehed a fols. 162 u 163 u pprezenta relazzjoni w dokument bil-valutazzjoni tieghu – (Dok. 11 a fols 183 sa 188). Sammut xehed li minhabba li l-kaz kien gara fis-sena 2004, hu qaghad fuq il-**Malta Drug Situation 2004 National Report** li minnu kien jirrizulta li l-cannabis fil-2004 kienet timbiegh ghaxar liri Maltin (LM10) kull tlitt grammi. Konsegwentement ladarba kien hemm 2439.3 grammi, l-valur totali kien jammonta ghal LM8131. Hu ma kienx seta' juza il-United Nations Report ghax ma kienx hemm valur ghal dik is-sena fih.

Illi mill-ezami tal-process tal-Istruttorja jidher li minkejja li xehed f' dar-rigward, Godwin Sammut qatt ma gie nominat mill-Qorti Istruttorja biex jistma' l-valur tad-droga "*ut sic*". Jirrizulta ukoll li biex hu kkomputa il-valur totali strah fuq rapport kompilat minn haddiehor.

Illi hu principju elementari tad-dritt penali taghna – u punt ta' ordni pubbliku – li bhala regola xhud ghandu jixhed biss fuq il-fatti minnu konstatati b' wiehed mis-sensi tieghu minghajr ma jaghti opinjoni, cioe' minghajr ma jigbed inferenza jew inferenzi minn dawk il-fatti. Fis-sistema penali taghna dak li jikkaratterizza w jiddistingwi xhud espert – <u>cioe' li jkun gie nominat mill-Qorti</u> , u li jista' jigi nominat <u>biss</u> mill-Qorti – minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu dak ta' l-ewwel jista' jesprimi opinjoni ossia konkluzzjoni jew fehma tieghu (art. 656, Kap. 9) a

rigward tal-ezami (tal-fatti) li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irid bhala regola ( u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet li johorgu mill-gurisprudenza, bhal per ezempju fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, jew il-velocita' li jkun ra vettura ghaddejja biha) jillimita ruhu ghal dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Paul Johnson et"** [23.11.2001] per V. De Gaetano J.; "**Ir-Repubblika ta'Malta vs. Carmelo Spiteri"** – Qorti Kriminali [31.8.1998] deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001; **"Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri"** App. Krim. 16.12.1998 u "**Ir-Republikata' Malta vs. Mario Pollacco"** App.Krim. [19.4.2001].)

Issa fil-kaz in ezami l-hatra originali tal-espert Sammut fl-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* ma kienetx tispecifika l-inkariku tieghu. Ssemma biss ***"Godwin Sammut : analista"***. Meta giet konfermata n-nomina tieghu fil-kumpilazzjoni rega' ma intqal xejn dwar l-inkarigu tieghu w wara li l-Avukat Generali fir-rinviji beda jitlob ripetutament biex il-prosekutur jghid x' kien il-valur tad-droga involuta, gie prodott bhala xhud Godwin Sammut, minnkejja l-oggezzjoni verbalizzata tad-difiza biex dan ix-xhud jixhed fuq din il-materja tal-valur u minghajr ma nghata nkariku specifiku mill-Qorti Istruttorja biex jirrelata dwar il-valur tad-droga.

Ghalhekk l-akkuzat ghandu ragun jghid li Sammut ma kienx gie nominat mill-Qorti biex jaqdi din il-mansjoni li zgur kienet tezorbita mill-isfera tieghu ta' <u>analista</u> w tohrog ukoll barra mill-kompetenza w kwalifiki tieghu, tant li hu stess stqarr li kien ibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu fuq rapport kompilat minn terzi li ovvjament ma gewx prodotti biex jixhdu dwar dak li qalu fir-rapport . Ghalhekk fir-rigward ta' x-xiehda moghtija minn Godwin Sammut a fol. 181 at seq. u tad-dokument a fol. 183, dan ix-xhud esprima opinjoni meta ma kienx gie nominat mill-Qorti bhala espert fuq din il-materja specifikatament . Kellha kull dritt id-difiza tobbjetta ghal din ix-xiehda kif ghamlet quddiem il-Qorti Istruttorja (fol. 160) u ghandha ragun issa

li titlob li din ix-xiehda tigi dikjarata bhala inammissibbli bhala prova.

Hija ukoll valida s-sottomissjoni tal-akkuzat li din l-opinjoni ta’ Godwin Sammut fir-rigward tal-valur hija terga bbazata fuq “opinjoni” ohra ta’ terzi kontenuta fil-“Malta Drug Situation 2004 National Report” u ghalhekk ma kienetx bazata fuq fatti li Sammut kien ikkonstata bis-sensi tieghu kif fuq intqal. Ghalhekk anki ghal din ir-raguni dik ix-xhieda ta’ Sammut a fol., 181 et seq. u d-dokument a fol. 183 ma humiex ammissibbli bhala prova.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat stante li din giet irtirata fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2007 u tilqa’ t-tieni eccezzjoni tieghu , billi tiddikjara d-depozizzjonijiet moghtija minn Godwin Sammut fl-udjenza tal-20 t’ Ottubru, 2005 a fols. 162 u 163 u fl-udjenza tat-22 ta’ Mejju, 2006 (fols. 181 u 182) kif ukoll id-dokument 11 minnu esebit a fols. 183 sa 188 bhala li mhumiex ammissibbli bhala prova w konsegwentement tordna li ma ssir ebda riferenza ghalihom waqt is-smiegh tal-kawza quddiem il-gurati.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddifferixxi l-kawza *sine die* sabiex tkun tista’ tinstema’ quddiem din il-Qorti komposta ukoll mill-gurati meta jmissha t-turn u wara li jkun gie deciz kull appell eventwali minn din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.

Sadattant l-akkuzat jibqa’ fl-istess stat li huwa llum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------